MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IT-TMIN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 69

21 ta' Frar 2024

Il-Kunsilli Lokali Ħ'Attard iltaqa' online b'xi membri fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Helen Caruana – Kunsillier
Victor Galea - Kunsillier
Maria Concetta Scerri – Kunsillier
John P. Bonnici – Kunsillier
Remigio Bartolo – Kunsillier
Silvio Brincat – Kunsillier
Giorgio Mario Schembri – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Marica Mifsud Mintoff - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ppresjieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5.33pm. Kulħadd, minn dawk li kellhom ikunu preżenti kien daħal onlajn jew ġie fuq il-post fil-ħin.

## 69.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

69.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kienx hemm ittri t'apoloġiji.

## 69.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

69.2.1 L-Avukat Caruana ġibdet l-attenzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv li kien hemm żball fl-ewwel paġna fejn qalet lis-Sur Victor Galea kien preżenti għal-laqgħa ta' Jannar. Il-Minuti tal-laqgħa 68 ġew approvati.

## 69.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

### 69.3.1 Uffiċini *ġodda tal-Kunsill*

Is-Sur Cordina qal li fir-rigward tal-uffiċini reġa' ltaqa' mal-kuntrattur u wara li ddiskuta mal-kuntrattur dan aċċetta li jitrasferixxi l-lift fuq il-Kunsill u għalhekk dan inqaleb bil-miktub fuq il-Kunsill u l-flus li tħallsu bħalha depositu fuqu ma ntilfux. Hu qal li legalment seta' jżommu hu imma għallinqas fuq dan wasslu għal ftehim. Qal ukoll li qed ikompli xi tiswijiet li kellu jagħmel bħal żebgħa, tiswijiet fuq il-*membrane* li għandu 10 snin garanzija imma li jrid jirranġah għax daħal l-ilma, waħħal s-sinkijiet u t-toilets u xi affarijiet oħra żgħar li kien baqalu jagħmel.

Is-Sur Cordina kompla jgħid li nġab il-permess mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali sabiex il-kuntratt jiġi tterminat u li qed jitkellmu mal-Avukat kif se jipproċedu sabiex jaraw x'jista' jsir u jekk hux se jżommu l-kuntrattur responsabbli għal għoli tal-affarijiet li baqa' x'jinxtraw bħal eżempju l-bibien, etc. Qal ukoll li għandu jerġa' jiltaqa' mal-*Quantity Surveyer* tal-kuntrattur u l-Perit tal-Kunsill sabiex jiddiskutu u jgħaddu kollox l-avukat u jimxu minn hemm.

Is-Sur Bonnici saqsa jekk kienx hemm taraġ għal-livell ta' fuq bis-Sur Cordina jwieġeb li għalissa le però ħa jsir. Is-Sur Cordina qal li qed jinġiebu stimi sabiex il-bennej jibda x-xogħol fuq it-taraġ.

### 69.3.2 *Clean Up Wied is-Sewda*

Is-Sur Cordina qal li rċieva imejl mingħand kumpanija sabiex inaddfu Wied is-Sewda u li dawn talbu biex il-Kunsill jagatihom ingwanti u boroż tal-iskart u servizz sabiex jinġabru l-boroż. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hemm talba simili mingħand il-kumpanija Mekkanika.

Il-Perit Schembri qal li dawn huma affarijiet sbieħ u saqsa jekk b'xi mod jistawx kumpaniji bħal dawn jiġu rikonoxxuti mill-Kunsill, jattendi xi ħadd mill-kunsilliera u jinġieb artiklu fuq ir-rivista. Is-Sur Cordina qal li ma jsib l-ebda oġġezzjoni li jsir dan però għandu jsir għal kulħadd.

L-Avukat Caruana staqsiet jekk il-kumpanija Mekkanika hux se jnaddfu Wied is-Sewda ukoll bis-Segretarju twieġeb li għandu jinstab post differenti.

Kulħadd qabel.

69.3.3 *Charging Pillars – Triq Lord Strickland u Car Park biswiet il-Corinthia*

Is-Sur Cordina qal li l-Kunsill rċieva komunikazzjoni li fi Triq Lord Strickland u fil-Car Park ta' faċċata tal-Corinthia se jiġu nstallati 2 *Charging Pillars*. Hu qal li kull *charging pillar* se jieħu żewġ parkeġġi u li s'hemm kien kollox sew. Hu kompla jgħid li biex ikomplu jitfgħu il-melħ fuq il-ferita, mhux talli ma kkonsultawx mal-Kunsill biex jidentifikaw il-postijiet, talli qabdu u għażlu l-postijiet huma u barra min hekk dawn il-parkeġġi se jintużaw biss mill-ħaddiema tal-gvern. Is-Sur Cordina qal li tkellem mal-Inġinier u qallu li waqt il-ħin tax-xogħol dawn jistgħu jintużaw mill-ħaddiema tal-gvern imma li l-kumplament tal-ġurnata jkunu jistgħu jintużaw mill-pubbliku. Hu kompla billi qal li qed jistenna bil-miktub li dawn se jintużaw kif mitlub u li talab sabiex issir konsultazzjoni qabel jipproċedu bix-xogħlijiet.

Hu qal ukoll li meta tkellem mal-ħaddiema fuq il-lant filgħodu l-ordni minn ta fuqhom kienet biex jipproċedu bix-xogħol. Is-Sur Cordina tenna li mhu ħa jħalli lil ħadd jgħaddi romblu minn fuqu. Hu qal li waqt il-laqgħa tal-Kunsill jkun irid jagħti rendikont lill-Kunsill, kif dejjem għamel. Il-Kunsill qiegħed hemm għal xi ħaġa u meta n-nies jistaqsu trid ittihom risposta mhux jibqgħu iċċassati għax ma nkunux jafu x'qed jiġri mingħajr konsultazzjoni. Għalhekk hu talab sabiex ix-xogħol jieqaf.

Is-Sur Bonnici staqsa jekk hux ħa jieħdu tmien parkeġġi bis-Sur Cordina jispjegalu li talbu żewġ *charging pillars* u li ma kull *pillar* ikun hemm żewġ parkeġġi li se jintużaw biss mill-ħaddiema tal-gvern.

Il-Perit Schembri saqsa jekk it-toroq li semmew fejn se jsiru dawn iċ-*Charging Pillars* humiex toroq residenzjali u jekk jaqawx taħt il-Kunsill. Is-Sur Cordina wieġeb li jaqaw taħt il-Kunsill. Il-Perit Schembri qal li allura il-Kunsill għandu jiddeċiedi inkella jkunu ifarfru mir-responsabiltà għax jekk jinqala xi ħaġa r-resident b'kull dovut rispett lill-Kunsill se jfittex.

69.3.4 *Premju Mara*

Is-Sur Cordina qal li daħħlu 5 nominazzjonijiet - 2 għall-Roberta Farrugia, 1 għall-Lydia Sciberras, 1 għall-Marjoe Abela u 1 għall-Marica Cassar. Il-bord wara diskussjoni fuq in-nominazzjonijiet għazel lil Roberta Farrugia.

69.3.5 Ġita ġewwa Sqallija

Is-Sur Cordina xtaq jirringrazzja lis-Sur Remigio Bartolo tal-ġurnata li organizza ġewwa Sqallija. Kienet ġurnata mimlija, ħadu gost u xi daħqa ma naqsietx. Qal li swiet ta' ġid u kienu qishom familja. Is-Sur Bartolo qal li iddispjacih li ma setax jigi pero' jekk alla jrid tiġi organizzata ġurnata oħra.

Is-Sur Bonnici ħalla l-kamra issa 05.45pm

## 69.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

69.4.1 Victor Galea

- Saqsa jekk jistax isir xi ħaġa fuq l-ispralli li hemm ħdejn l-HSBC faċċata tal-iskola għax qed jagħmlu ħafna storbju. Is-Sur Cordina qal li diġà tkellmu mal-kuntrattur u għandu jiġi jirranġah. Hu staqsa jekk hux xogħol tal-Kunsill jew Infrastruttura Malta, bis-Sur Cordina jwieġeb li għalkemm hija triq residenzjali ix-xogħol sar min-naħa ta' Infrastruttura Malta. Ix-xogħol għadu bil-garanzija allura jrid jissewwa min-naħa tal-kuntrattur.

69.4.2 Giorgio Schembri

- Hu qali li kien se jitkellem fuq l-istess ħaġa rigward Infrastruttura Malta. Saqsa jekk kienx hemm xi risposta kif kienu se jipproċedu bix-xogħlijiet li għaddejjin bħalissa f'żewġ żoni, waħda n-naħa ta' Misraħ Kola u l-oħra in-naħa ta' Santa Katerina fejn hemm il-*culvert* li ilu għaddej ukoll. Is-sur Cordina wieġeb billi qal li s'issa għadhom ma rċevew xejn. Il-Perit Schembri talab biex forsi l-Kunsill jagħmel iktar pressjoni.

69.4.3 Remigio Bartolo

- Saqsa fuq l-Info Centre meta se jitlesta jekk hemmx data stabbilita. Is-Sur Cordina tenna li m'hemmx data però ix-xogħol kien miexi sew. Qal li fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill kien tkellem dwar il-vidjow li ħa jinħadem minn Stradarjali, li ltaqgħu magħhom hu u s-Segretarju Eżekuttiv u tkellmu fuq xi postijiet li jistgħu jintwerew f'dan il-vidjow. Dan il-vidjow se jkun twil żewġ minuti u se jintwera fuq il-profil tagħhom tal-midja soċjali għall-ġimgħa sħiħa u li se jingħadda lil Kunsill biex ikunu jistgħu jixxerjawh fuq il-mezzi soċjali tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bħalissa qed jingħata l-konkos u forsi baqa' tlett ġimgħat xogħol.

- Jum H'Attard – qal li d-data nbidlet għall-14 ta' April. Li se jkun bħas-sena l-oħra b'quddiesa filgħodu u filgħaxija jkun hemm is-serata bil-parteċipazzjoni tal-Banda 'La Stella Levantina' bit-tema tas-soundtracks ta' films popolari. Saqsa jekk il-Kunsill sabx lil xi ħadd biex jagħmel vidjow fuq *big screen* in-naħa ta' wara il-banda waqt il-kunċert. Is-Segretarju qalet li diġà kienet sabet li xi ħadd.

- Tree Planting – Din se ssir is-Sibt, 13 ta' April fi Ġnien l-Istazzjon

## 69.5 Rapporti

64.5.1 **Approvazzjoni ta' Baġit 2024**
**Approvazzjoni ta' Estimi Finanzjarji 2023**

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-budget ġie ppreparat fuq l-ispejjeż rikorrenti tas-sena l-oħra. F'dan il-baġit żdiedu il-pagi tal-impjegata tal-Info Centre u x-xufier tal-Van il-ġdid. Żdiedu ukoll xi spejjez extra ta' manutenzjoni fi Ġnien l-Istazzjon. Hi qalet li jekk jimxu fuq dan il-baġit suppost għandu jitranġa l-FSI fejn għandu jinżel għal 2% minn kif qiegħed preżentement bħalissa. Hi qalet li mhux se jkun bilanċ posittiv ovvjament minħabba li hemm proġetti li biex dan jitjieb iridu jiġu kapitalizzati fl-istess sena. Imma huwa maħsub li  għandu jimmiljora il-bilanċi tal-Kunsill.

Hi qalet li qed isir sforz min-naħa tagħha flimkien mas-Sindku u spjegat li kellhom lagħqa urġenti mad-Development Planning Fund sabiex iġibu l-fondi għall-art ta' Ġnien l-Istazzjon, fondi oħra li nħarġu s-sena l-oħra fuq l-istruttura u fondi oħra extra li ħarġu ghall-Ġnien l-Istazzjon li tagħhom ġew sottomessi c-ċertifikazzjonijiet finali tax-xogħol. Qalet ukoll li l-kuntratt mad-DPF kien ta' €199000 li kellu jkun l-grant finali imma li minħabba ċertu varjazzjonijiet l-ispiża telgħat għal €237000. Hi kompliet tgħid li d-DPF kienu għadhom qed jiċċekkjaw il-karti biex jaraw l-ispiża hix ġustifikata u li kellhom jinfurmawnawhom jekk hux se jgħaddulhom id-differenza. Id-differenza hi ta' €38000 u l-applikazzjonijiet l-oħra se jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż li diġà nħarġu mil-Kunsill. Spjegat ukoll kif ħarġu 5 skemi tal-gvern u oħra tal-LESA li għaliha ntefgħu l-applikazzjoni sabiex jinġabu iktar fondi biex jagħmlu tajjeb għall-ispiża tal-Van il-ġdid.

Is-Segretarju Eżekuttiv kompliet bl-estimi finanzjarji u spjegat li dawn ġew preparati u maħduma fuq id-dħul u l-ħruġ kollu tas-sena l-oħra u ngħatat attenzjoni speċjali biex din is-sena ma jkunx hemm problemi rikorrenti mal-awdituri rigward deprezzament u Liability. Hi qalet li prattikament ma tantx immiljorat is-sitwazzjoni. Is-sena l-oħra kien hemm telf ta' €60000 u din is-sena qegħdin b'telf ta' €67312 għar-raġuni li l-Kunsill għadu ma ġabarx l-ispejjeż li nħarġu kif spjegat iktar qabel u li dawn għadhom mhux marbuta b'kuntratt biex jiddaħħlu fl-*accounts*.

Spjegat li l-ispiża tal-knis tat-toroq minn €9000 telat għall-€12000 fix-xahar, li hemm spejjeż extra bħat-tindif ta' culverts, rimi illegali, ġbir ta' kartun etc. Is-Sur Cordina qal li fejn jidħlu culverts dawn iridu jiġu mnaddfa ta' spiss għax ikunu imblukkati bil-weraq u jekk xi resident jidħollu l-ilma jista' jfittex lil Kunsill għad-danni bħalma ġara ftit ġimgħat ilu f'żewġ kunsilli oħra. Is-Segretarju kompliet tispjega li mar-rapport tal-estimi finanzjarji hemm miżjuda is-salarji tas-Sa. Joanne Aquilina u tas-Sa. Sharon Debono li s-sena l-oħra kienu ilhom impjegati ftit żmien. Qalet li hemm imdaħħal ukoll Ġnien l-Istazzjon u li d-deprezzament tiegħu waħdu sewa' €21000.

Kulħadd qabel li jiġu approvati.

Approvazzjoni Rapport tal-Evalwazzjoni Rranġar ta' Ġnien il-Palma

Fis-16 ta' Jannar saret l-aħħar laqgħa tal-evalwazzjoni. L-evalwaturi kienu l-Avukat Caruana, is-Sur Bartolo u is-Sur Christopher Falzon. Dan it-tender dam biex ġie evalwat għax kien hemm ħafna kjarifiki x'jintalbu. Il-konkluzjoni waqat fuq l-irħas offerta ta' SeD Construction Ltd. Dan ix-xogħol li se jibda fi Ġnien il-Palma se jkun ko-finanzjat mill-Project Green.

## 69.6 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

69.6.1 Ma kienx hemm items oħra.

## 69.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.

69.7.1 Proponent: Remigio Bartolo Sekondant: Maria Concetta Scerri

L-iskeda ġiet approvata.

## 69.8 Mozzjonijiet; u

69.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 69.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

69.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.16pm u ġiet aġġornata għal-25 ta' Marzu 2024 fis-5.30pm

Konfermati illum, 25 ta' Marzu 2024.

| | |
|---|---|
| Signed | Signed |
| Stefan Cordina | Marica Mifsud Mintoff |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |